MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 1352/2010

**GO plc – C-22334**

**vs**

**Jesmond Tong – ID-28269(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u tnejn u ghoxrin Ewro u disa' centezmi (€822.09c) liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni, bl-akkont numru *A/C 40095655* skond diversi kontijiet mibghuta lilu, u skond id-dokumenti Dok. IZY 1 prospett ghas-servizz relattiv u Dok IZY 2 ftehim dwar is-servizz relattiv.
Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija tnejn u ghoxrin Ewro u disa' centezmi (€822.09c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------